**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 13/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur John Sacco )**

**Vs**

**RICHARD GAUCI**

**Illum, 13 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Richard Gauci talli f'Hal-Qormi, fis-6 ta'April, 1998, ghal habta ta' l-10.30 a.m., flimkien ma'persuni ohra mhux maghrufa :

1. Ikkommetta serq ta'somma ta'flus kontanti li tammonta ghal madwar Lm48,000, mill-fergha tal-Bank of Valletta, f'Ta'Farsina Housing Estate, Tal-Hlas Road, Qormi, ghad-dannu tal-Bank of Valletta, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur, lok, u bil-persuna ;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, bla ordni skond il-ligi ta'awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra diversi persuni kontra l-volonta' taghhom li lkoll

kienu fil-fergha tal-Bank of Valletta ta'Hal-Qormi, Ta'Farsina Housing Estate, inkluz l-impjegati ta' l-istess fergha tal-Bank ;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, flimkien ma'persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta'arma tan-nar, u cioe', revolver ta' l-ghamla 'Webley & Scott", li jgib in-numru tas-serje B25886, kif ukoll ta' sitt (6) rounds ta'munizzjon ghad-dannu tal-Gvern ta'Malta, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur, persuna u bil-lok ;
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel l-imsemmija delitti, flimkien ma'persuni ohra mhux maghrufa, kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari ;
5. Fis-6 ta'April, 1998, ghal habta tad-9.00 a.m., f'Hal-Qormi, huwa rrenda ruhu komplici billi xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi fl-atti li bihom id-delitt ikun gie preparat jew ikkunsmat, u cioe', fid-delitt ta'serq ta'vettura ta' l-ghamla 'Honda Civic', numru tar-registrazzjoni GAE-023, ghad-dannu ta'Sergio Agius minn Hal-Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u x-xorta tal-haga misruqa ;
6. F'Hal-Qormi, fit-13 ta'Frar, 1998, u fil-gimghat ta'qabel, huwa rrenda ruhu komplici fir-reati hawn taht dedotti billi b'kull mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi fl-atti li bihom id-delitti gew ippreparati jew ikkunsmati, u cioe' :
7. Serq ta' flus li jammontaw ghall-valur ta'madwar Lm44,000 fi flus kontanti ghad-dannu tal-Posta Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u l-valur ;
8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta'awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-P.C. 896 Robert Zammit u impjegati ta'Posta Limited kontra l-volonta' taghhom li huma persuni inkarigati skond il-ligi mis-servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta'ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti ;
9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamlu d-delitt ta'serq u tas-sekwestru tal-persuni, kellhom fuq il-persuna taghhom armi tan-nar, armi regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta'armi regolari ;

10. Serq ta' arma tan-nar ta' l-ghamla 'Webley & Scott', numru tas-serje B25709 u sitt rounds ta'munizzjon ghad-dannu tal-Gvern ta'Malta, liema serq huwa kkwlaifikat bil-vjolenza, mezz u l-valur ;
11. Serq ta'vettura li jgib in-numru tar-registrazzjoni CAC-701 ta' l-ghamla Toyota li insterqghet fit-12 ta'Frar, 1998, mill-Iklin, ghad-dannu ta'Joseph Deguara mill-Iklin, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa ;
12. Fl-imsemmija dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku, ikkommetta r-reati hawn fuq dedotti, li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi ;
13. Fis-6 ta'April, 1998, ghal habta ta' l-4.30 p.m., gewwa l-Floriana, halef il-falz quddiem l-Avukat Malcolm Mifsud bhala ufficcjal li setgha jaghti l-gurament.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fil-15 ta'Jannar, 2001, li biha dik il-Qorti, filwaqt li ma sabitux hati fuq il-hames (5), il-hdax (11) u t-tlettax (13) akkuzi dedotti kontrih, u lliberatu minnhom, sabitu hati fuq il-bqija ta' l-akkuzi w kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' erba (4) snin, bit-tnaqqis taz-zmien li kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, filwaqt ukoll li ddecidiet li ma kienx hemm lok ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 stante li ma gewx inkorsi spejjes peritali f'dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors ta' appell ta'Richard Gauci datat 25 ta'Jannar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, u tirrevokaha kull fejn sabitu hati, dan billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikament l-aggravju ta'l-appellant huwa wiehed purament ta'natura akkademika jew legali, dak li jemergi mid-dispost ta' l-Artikolu 33 (b) tal-Kodici Kriminali, li testwalment jghid hekk :

> " *Kull persuna tkun ezenti minn responsabilita' kriminali jekk fil-waqt ta' l-att jew tan-nuqqas -----*
>
> *(b) kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha* ".

Din hi l-linja difensjonali ta' l-appellant Richard Gauci li kien qajjem quddiem l-Ewwel Qorti, li cahditha, u quddiem din il-Qorti f'dan l-appell tieghu. Hu jghid li l-Ewwel Qorti ma qiesetx bizzejjed ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, specjalment it-tip ta'bniedem li hu w l-karattru tieghu, qabel ma waslet biex tiddeciedi li ma tilqghax din il-linja ta'difiza. Mela l-eccezzjoni ta' l-appellant hi dik ta' "**nuqqas ta'volonta' tieghu minhabba forza barranija li kienet irrezistibbli**".

**IKKUNSIDRAT :**

Preliminarjament, ghandu jigi rilevat li l-Ewwel Qorti, kuntrarjament ghal dak li qal l-appellant, studjat sewwa b'mod dettaljat w approfondit hafna kull dettal u cirkostanza li hemm f'dan il-kaz, inkluz x'tip ta'bniedem kien l-appellant, x'karattru kellu, kemm kien ilu membru fil-korp tal-pulizija, eccetera. Ikkunsidrat sewwa din il-linja ta'difiza w enuncjat b'mod tajjeb hafna r-rekwiziti mehtiega sabiex tirnexxi din il-linja difensjonali, u rat jekk ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jinkwadrawx ruhhom f'dawn ir-rekwiziti. Fi ftit kliem, dik il-Qorti ghamlet apprezzament tassew akkurat u approfondit tal-provi kollha, hadet sew in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha partikolari ta' dan il-kaz, u waslet sabiex issib htija fl-appellant f'xi akkuzi addebitati lilu. Issa l-kompitu ta' din il-Qorti hu li trid tara jekk dik il-Qorti kienetx fil-fatt ghamlet apprezzament tal-provi tajjeb

b'mod li ragjonevolment u legalment setghet tasal ghal din il-konkluzzjoni ta' htija, u trid bilfors taghmel l-apprezzament taghha ta' l-istess provi ghal dan il-ghan, filwaqt li trid ukoll issemmi w tenuncja x'inhi din il-linja difensjonali w x'ghandu jkun hemm sabiex din tigi applikabbli, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz in ezami.

**IKKUNSIDRAT :**

Il-linja difensjonali sollevata mill-appellant hi dik tat-teorija tal-**koerzjoni**, jigifieri, fi ftit kliem semplici, **li wiehed ikun sforzat, jigi mgieghel, biex jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, li, altrimentri jew normalment ma kienx jaghmel**. Il-ligi taghna, fl-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9, fuq kwotat, issejjah din il-koerzjoni bhala "**forza barranija**", jigifieri, trid tkun xi haga, forza jew koerzjoni gejja minn haddiehor, kompletament indipendenti minn min jaghmel l-att materjali, minn min qed issirlu dik il-forza fuqu. Trid tkun forza, mela, li certament u necessarjament ghandha tkun prezenti fil-waqt li din il-vittma ta' dik il-forza tkun qed taghmel xi att materjali, xi delitt, u mhux gejja minn xi zmien qabel biss.

Fil-kaz in ezami, ma hemm ebda kontestazzjoni li tassew l-appellant Gauci kien ikkommetta l-atti materjali, id-delitti addebitati lilu li taghhom instab hati mill-Ewwel Qorti. Li qed jikkontesta hu li f'dak li ghamel, u fil-mument li ghamilhom, fiz-zewg okkazzjonijiet, cioe' dik l-ewwel wahda fit-13 ta'Frar, 1998, fejn insterqu madwar Lm35,000 minn vettura tal-Posta Limited, kif ukoll fit-tieni hold-up, dak tas-6 ta'April, 1998, fejn insterqu madwar Lm49,000 mill-Bank of Valletta, Ta' Farsina Housing Estate, Hal-Qormi, kien nieqes fih l-element intenzjonali, u, allura, ma setghax ghalhekk jinstab hati.

L-appellant qed jghid li ma kellux din l-intenzjoni kriminuza ghaliex, skond il-ligi, in bazi ta' l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9, ic-cirkostanza tal-forza barranija msemmija telimina ghall-kollox din l-intenzjoni. Ghalhekk, skond hu, u skond dan id-dispost, fil-kaz in ezami hu ma kellu ebda responsabilita' kriminali f'dak li ghamel fiz-zewg okkazzjonijiet imsemmija.

**IKKUNSIDRAT :**

Sabiex tirnexxi din il-linja ta' difiza, jigi rilevat mal-ewwel li mhux kull tip jew forma ta'forza barranija hija accettata ghall-fini tad-dispost ta' l-imsemmi Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. Ukoll, sabiex tigi eskluza l-intenzjoni kriminali, iridu necessarjament jikkonkorru r-rekwiziti li ser jigu spjegati issa.

**L-ewwel nett**, din **trid tkun forza barranija gejja minn haddiehor**, kif gja' intqal, u trid tkun tali li minhabba fiha bniedem ma jkunx responsabbli ghal dak li jaghmel, trid tkun forza barranija li tinnewtralizza kompletament il-volonta' tal-bniedem, li twasslu jew ggieghlu jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, haga li fin-normalita' tal-hajja ma kienx altrimenti jaghmel.

**Fit-tieni lok**, **trid tkun forza barranija li qed issir fuq bniedem mhux biss qabel ma hu jaghmel dak li jigi mgieghel li jaghmel kontra l-volonta' tieghu, izda trid tkun ezistenti fil-waqt li hu qieghed, effettivament, iwettaq dak l-eghmil.** L-Artikolu kwotat qabel fil-fatt isemmi l-kliem "<u>fil-waqt ta' l-att</u>". Ghalhekk jekk fil-mument li jsir l-att materjali, ma hemmx din il-forza barranija ezistenti, ma jistghax japplika l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. F'dak il-kaz mhiex eskluza l-intenzjoni kriminuza.

**Fit-tielet lok**, din il-forza barranija gejja minn haddiehor, trid tkun wahda **irrezistibbli**. Dan ifisser mhux biss li dak li jkun ma jfittex jew ma jipprovax li jirrezistiha, mhux biss li dak li jkun ma jaghmilx l-icken sforz biex jehles minn dik il-forza barranija biex ma jasalx jaghmel dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, izda trid necessarjament tkun forza barranija li bniedem bla ebda mod ma jista' jieqfilha, jirrezistiha, jehles minnha. Trid tkun forza barranija tassew irrezistibbli li bniedem ma jkunx kapaci li jirrezistiha. Dan l-element ta' l-rrezistibilita' tal-forza barranija, mela, hu element verament essenzjali w ferm importanti. <u>Trid tkun forza barranija, ghalhekk, li bniedem verament ma jistghax jirrezisti, u mhux xi forza li ma jipprovax jirrezisti</u>. Kif jghid il-Professur Mamo, trid tkun forza " *truly irresistible and not merely unresisted*."

**Fir-raba lok**, din ic-cirkostanza tal-**forza barranija trid necessarjament tkun wahda serja jew gravi hafna, fis-sens li tista' twassal ghall-konsegwenzi serji jew gravi hafna**. Per ezempju, bniedem jigi mhedded bil-mewt, b'pistola ma'rasu, jekk ma jaghmilx dak li qed jigi mgieghel li jaghmel. Tista' tiehu l-forma ta'minaccja jew theddid ta'mewt ta' xi hadd tal-familja, li ssir lill-minaccjat biex jigi mgieghel jaghmel xi haga. Iridu jkunu cirkostanzi serji jew gravi li, imqarr fuq il-grad tal-probabbli, juru din il-forza barranija rrezistibbli, gejja minn haddiehor, forza ta' certa gravita', tant li f'dak il-mument, il-bniedem minaccjat **ma jkollux triq ohra** hlief li jesegwixxi dak li qed jigi mgieghel li jaghmel kontra il-volonta' tieghu. Iridu jkunu cirkostanzi dawn li jekk dak il-bniedem minaccjat ma jaghmilx dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, allura, hemm il-perikolu serju w reali li dak it-theddid jew minaccji jissarrfu f'realta'. Iridu jkun cirkostanzi li juru, imqarr sal-grad tal-probabbli, li dak il-bniedem minaccjat ma kellu ebda triq ohra, ma setghax jirrezistihom jew jikkombattihom, jigifieri, bilfors kellu jaghmel dak li kien qed jigi mgieghel jew sfurzat li jaghmel.

Isegwi, allura, illi jekk il-bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista' jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta' dik il-minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9 ma jkunx jista' jigi nvokat jew applikat. Cioe', jekk, f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita' li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwel nett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita'. Jekk ma jaghmilx hekk, u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f'dak il-kaz ir-responsabilita' kriminali tieghu ma tkunx eskluza w l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. ma japplikax.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi minn dan kollu li gie enuncjat sa issa, jidher car, ghalhekk, li din il-linja difensjonali tal-koerzjoni hi kollha kemm hi kwistjoni ta' cirkostanzi, ta'fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu

jiggudika, imqarr sal-grad tal-probabbli, li tassew l-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setghax, fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe' ma kellux alternattiva ohra kif jista' jehles minn dik il-forza barranija.

**IKKUNSIDRAT :**

Din, mela, hija t-teorija jew linja difensjonali tal-koerzjoni. Min ghandu finalment jiggudika jrid l-ewwel ikun moralment konvint li fil-kaz in ezami l-appellant Richard Gauci materjalment wettaq ir-reati misjub hati taghhom, u ta' dan ma hemm ebda dubju w lanqas ma hu kontestat; u, fit-tieni lok, irid jara jekk Gauci kellux l-intenzjoni volontarja w hielsa li jaghmel dawk l-atti materjali kriminanti, sal-grad lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ghaliex jekk mill-fatti jezistu l-elementi w rekwiziti kollha necessarji biex treggi din il-linja difensjonali tal-forza barranija, imqarr fuq grad tal-probabilita', allura dan ikun ifisser li l-element intenzjonali jkun nieqes u japplika l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-kaz in ezami, apparti li ghandhom necessarjament jinzammu in kunsiderazzjoni l-principji generali kollha fuq enuncjati, wiehed ghandu wkoll jikkunsidra certi aspetti li huma partikolari fil-konfront ta' l-appellant Richard Gauci, bhal, per ezempju, il-fatt li meta wettaq ir-reati li nstab hati taghhom hu kien gja' ilu kwazi seba (7) snin bhala membru fil-korp tal-pulizija, kif ukoll dak li hu qed jghid dwar it-tip ta'bniedem li hu.

Dan qed jinghad ghaliex sabiex jipprova jwarrab minn fuqu kull forma ta' responsabilita' kriminali ghal dak li ghamel, l-appellant qed jaghmel enfasi kbira fuq it-tip ta'bniedem li hu, kif ukoll fuq li, skond hu, ma kienx bniedem adegwat biex jaqdi l-funzjoni ta' pulizija. Jghid li hu bniedem misthi, bezan,

kodard, u anke jiddeskrivi ruhu bhala 'gifa'. Jghid li qatt ma kien maqtugh biex ikun pulizija. Jghid li kien sar pulizija bilfors biex isegwi tradizzjoni fil-familja fejn ohrajn qablu, u anke missieru, kienu pulizija. B'dana kollu, l-appellant jghid li ma kienx ihossu komdu jew f'postu jew kapaci li jaghmel ix-xoghol ta'pulizija. L-appellant jaghti importanza kbira w konsiderevoli ghal dan l-aspett tal-karattru w personalita' tieghu, u jghid li dan kien fattur diterminanti ghaliex waqa' ghall-forza barranija li terzi ghamlu fuqu, liema terzi kienu notorji sew ghall-attivita' kriminali taghhom, u kienu maghrufa hafna mal-pulizija. Fil-fatt, mhiex kontestata n-notorjeta' kriminali ta' dawn il-persuni. Li hu importanti li jigi kunsidrat f'dan il-kaz, pero', hu li, u dan dejjem skond l-appellant, bit-tip ta'bniedem misthi li kien, bl-inadegwatezza li jghid li hass biex ikun pulizija, hux minnu li hu bla ebda mod ma seta' jevita t-theddid gravi w serju li jghid li kien dirett lejh personalment u anke lejn membri tal-familja tieghu permezz ta' theddid lejh u l-konsegwenzi ta' dak it-theddid jekk ma ghamilx dak li kien gie imgieghel li jaghmel.

**IKKUNSIDRAT :**

<u>L-ewwel nett, dwar is-sottomissjoni ta' l-appellant li l-karattru tieghu hu dak ta' bniedem misthi w dghajjef, ta'wiehed gifa.</u> Dwar dan ma hemmx prova fl-atti, hlief dak li qed jallega l-istess appellant. L-Ewwel Qorti skartat din il-kunsiderazzjoni jew sottomissjoni ta' l-appellant bhala skuza da parti tieghu biex jipprova jinnewtralizza l-effett probatorju ta' dak li kien qal fl-istqarrija tieghu li ried il-flus biex jehles mid-dejn u sabiex ikun jista' jaghmel kapricc. Il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti w xejn ma hi sodisfatta, lanqas sal-grad tal-probabbli, dwar il-karattru jew tip ta'bniedem li l-appellant jghid li hu.

<u>Fit-tieni lok, dwar is-sottomissjoni ta' l-appellant li hu ma kienx ihoss lilu nnifsu bhala persuna adegwata biex taghmel ix-xoghol ta' pulizija</u>. Anke hawnhekk, ma hemm ebda prova fattwali dwar dan li tista' twassal ghal konvinciment f'dan is-sens, imqarr fuq grad tal-probabbli. Li hu zgur bhala fatt, invece, hu li sa meta graw ir-reati in kwistjoni, l-appellant kien ilu kwazi seba (7) snin fil-

korp tal-pulizija, li fihom ma jirrizultax li qatt kellu xi problemi serji dwar it-tip ta'xoghol li kien qed jaghmel. Certament, ghalhekk, jekk l-appellant veru hassu mhux maqtugh biex ikun pulizija, jew jekk veru kien gie sfurzat biex jidhol pulizija semplicement biex isegwi xi tradizzjoni fil-familja, f'dawk is-snin kollha li kien ilu pulizija kellu bizzejjed zmien u cans biex jirrealizza li postu ma kienx hemm, u, ghall-anqas jipprova jbiddel dak ix-xoghol. Minn dan kollu jirrizulta li ma ghamel xejn. Lanqas ma jirrizulta li hu qatt kien ilmenta serjament minn dan il-problema tax-xoghol qabel ma sehhew ir-reati in kwistjoni. Mhux hekk biss, izda anke bejn l-ewwel hold-up (dak tal-Posta Limited) u t-tieni wiehed (dak tal-Bank of Valletta) ghaddew xahrejn, u jekk l-appellant hu genwin fir-rigward dan l-allegat problema tieghu dwar l-inadegwatezza tieghu li jkun pulizija, anke wara l-ewwel hold-up u qabel ma sar it-tieni wiehed, kellu zmien u cans bizzejjed biex jirrifletti w jipprova jaghmel xi haga, imqarr xi forma ta' sforz zghir, biex jirrimedja s-sitwazzjoni, u mhux wara xahrejn jerga' jaghmel hold-up iehor ferm serju fejn, din id-darba, ippartecipa b'mod ferm aktar attiv minn dak ta'qabel.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma taccettax bhala xi cirkostanzi mitiganti jew li jwassluha taccetta li l-appellant ceda ghal din il-forza barranija minhabba it-tip ta'bniedem li kien jew il-karattru li kellu jew minhabba li kien ihossu mhux maqtugh biex ikun pulizija.

Illi apparti dan kollu, mizmum dejjem in kunsiderazzjoni l-fatt li l-appellant kien ilu kwazi 7 snin pulizija qabel ma sehh l-ewwel hold-up fuq il-vettura tal-Posta Limited fi Frar, 1998, ta' min ifakkar ukoll li fost id-doveri li kull pulizija jobbliga ruhu li jsegwi **skrupolozament**, u dan kif jirrizulta mil-gurament li kull bniedem jiehu meta jinhatar pulizija, hemm propju dik li jhares il-ligi u li jara li l-ligi tal-pajjiz tigi osservata minn kulhadd. Kull pulizija hu obbligat li fil-qadi ta' dmirijietu jaghmel dak kollu li hu mistenni minnu bhala pulizija, u dan bla ebda **biza** u/jew **favuri**. Huwa d-dover ta' kull pulizija, bhala persuna li tokkupa posizzjoni ta' awtorita', li jesegwixxi din il-funzjoni tieghu kif mitlub u skond il-gurament li jkun ha. Il-Pulizija qieghed hemm sabiex, fost doveri ohra li ghandu, jipprotegi lis-socjeta' mill-kriminalita' u dan bla ebda limitazzjonijiet. Hu tassew kontradittorju w ferm preokkupanti, ghalhekk, li issib pulizija, li

suppost ghandu jispira fiducja fih, li jaghmel propju l-kuntrarju w jkun hu stess li jwettaq delitti serji hafna kontra l-persuna, kontra l-propjeta, kontra l-istess socjeta' li ghandu l-obbligu li jipprotegi. Jekk huwa minnu li l-appellant hassu inkapaci li jaqdi din il-funzjoni ta'pulizija skond il-gurament li kien ha cirka 7 snin qabel, jekk hu veru li hass li kellu karattru dghajjef u ta'wiehed gifa, ta'wiehed li ma kellux il-fibra morali qawwija bizzejjed biex jaqdi dawn id-doveri w funzjonijiet tieghu fondamentali ta'pulizija, allura, kellu kull opportunita', zmien u cans sabiex jahsibha sew qabel ma dahal fil-korp tal-pulizija, jew li johrog minnu waqt dawk is-7 snin u jaghmel daqxejn ta' sforz zghir biex isib xoghol alternattiv li fih ihossu kapaci, komdu w tal-portata tieghu.

Jekk verament l-appellant hu l-bniedem dghajjef li jghid li hu, u jekk verament kien ihoss li dahal pulizija semplicement biex ikompli tradizzjoni fil-familja, bir-rizultat li ma kienx kuntent b'dak ix-xoghol, allura kellu c-cans kollu biex jirrimedja dik is-sitwazzjoni. Jekk, mill-banda l-ohra, minkejja dan kollu, ghal tul perijodu ta'kwazi 7 snin, l-appellant ghazel li ma jaghmel xejn biex jirrangja dan il-problema li jghid li kellu, ma jistghax issa, wara li ghamel l-atti materjali kriminanti, bi spazju ta' xahrejn bejn att u iehor, jippretendi li din id-debolezza u biza  fil-karattru tieghu ghandhom iservu bhala xi fattur mitiganti.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi hemm fatturi ohra li ghandhom jigu kunsidrati wkoll biex il-Qorti tara jekk, apparti l-aspett tal-karattru ta' l-appellant, f'dan il-kaz partikolari jirrizultawx jew le r-rekwiziti necessarji ghall-applikabilita' ta' l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9.

Kif sewwa esprimiet ruha l-Ewwel Qorti, u dana mhux kontestat, ma hemm ebda dubju li l-appellant Gauci kien gie mhajjar b'mod persistenti biex jassisti lill-awturi fil-hold-up fuq il-vettura tal-Posta Limited fit-13 ta'Frar, 1998. Ma hemm ebda dubju wkoll li mhux biss kien gie persistentement imhajjar biex jaghti s-servizz tieghu f'dan id-delitt, izda wara f'xi okkazzjonijiet kien anke gie mhedded b'persuntu u bil-familja tieghu.

Pero', minkejja dan it-thajjir u minacci, din il-forza barranija gejja minn haddiehor ta'fama kriminali notorja, gravi kemm kienet gravi, wiehed ma jridx jinsa li f'dan il-kaz partikolari, l-appellant, l-allegata 'vittma' ta'din il-forza barranija, kien ilu 7 snin fil-korp tal-pulizija, u bhala tali, l-ewwel dover u obbligu li kellu immedjatament beda dan it-thajjir jew ftahir ta'attivita' kriminali da parti minn min kien qed ihajjru w jheggu, sa anke qallu li ried jaghmel il-hold-up fuq il-vettura tal-Posta Limited, kien propju li mal-ewwel javza lis-superjuri tieghu. Din kienet l-anqas haga, u l-aktar bazilari, li seta' jaghmel l-appellant meta gie rinfaccjat fil-bidu nett u beda jigi ittantat jew imhajjar li jippartecipa f'dak id-delitt. Minflok ma ghamel hekk, l-appellant ghazel it-triq li ried jahsibha, u hekk ghamel, hasibha u spicca sabiex accetta l-proposta li jippartecipa fid-delitt u dan ghaliex gie mwieghed kwart mis-somma li tinsteraq. Jigifieri, l-appellant thajjar li jiehu sehem f'din l-attivita' illegali ghaliex ra li kien hemm qliegh ta'flus. Fil-fatt, il-hold-up sar, l-appellant ghamel dak li gie mitlub li jaghmel, insterqu b'madwar Lm35,000 fi flus kontanti, u l-appellant baqa' bla ma hax sehmu, skond il-promessa li saritlu.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni hold-up, dak li sar fil-Bank of Valletta, Ta'Farsina Housing Estate, Hal-Qormi, fis-6 ta'April, 1998, fejn insterqu b'madwar Lm49,000, xahrejn wara l-ewwel hold-up, fi kliem l-appellant stess, kien il-fatt li ma kienx ghadu thallas sehmu mill-ewwel hold-up li spingieh mal-ewwel sabiex jippartecipa b'mod aktar attiv fit-tieni hold-up, ghaliex anke hawnhekk gie imwieghed li wara t-tieni hold-up jithallas kollox f'daqqa ghall-sehmu fiz-zewg hold-ups.

Issa tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, tal-fatt li l-appellant kien ilu kwazi 7 snin pulizija, u ghalhekk kellu l-obbligu li jirrapporta kollox lis-superjuri tieghu appena sar jaf bl-intenzjonijiet tal-malviventi, u minn dan kollu ma ghamel assolutament xejn, u b'hekk tilef kull cans jew opportunita' biex jevita jew jehles minn kull tip ta'forza barranija li seta' gie rinfaccjat biha, tenut kont tal-fatt li 'ex admissis' qal li ghamel kollox ghall-flus ghaliex ra gwadann finanzjarju, tenut kont tal-fatt li ma ghamel assolutament xejn biex jevita l-

konsegwenzi tal-forza barranija in kwistjoni, anke meta din kienet ghada biss fl-istadju bikri ta' tpacpic, ftahir fl-attivita' u hajja kriminali, thajjir u weghdi, din il-Qorti, mehuda in kunsiderazzjoni dan kollu li gie rilevat, tasal biex taqbel pjenament mal-konkluzzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti, fis-sens li mill-fatti rizultanti jemergi kwadru, u dan sal-grad tal-konvinciment morali, fejn it-theddid li kien hemm f'dan il-kaz fil-konfront ta' l-appellant ma kienx nissel fih dak il-grad ta'biza li wasal biex jipprivah mill-volonta' tieghu. F'dan il-kaz ic-cirkostanzi kollha fuq imsemmija juru li din il-forza barranija, gravi kemm setghet kienet gravi, ma kienetx wahda irrezistibbli, izda kienet wahda li l-appellant lanqas biss bl-aktar mod ovvju, jew lanqas biss bl-icken sforz, ma pprova jirrezisti. Hu baqa' kompletament passiv ghaliha. L-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9 jitkellem dwar forza barranija li l-vittma taghha ma setghetx tirrezisti. Ghalhekk, fil-kaz prezenti, il-Qorti trid tkun konvinta,imqar fuq grad ta' probabilita', stante li tali prova tmiss lill-appellant, li din il-forza barranija kienet tali li xejjnet ghall-kollox il-volonta' tieghu ta'resistenza.

Hu ferm car li l-appellant accetta li jiehu sehem fiz-zewg hold-ups in kwistjoni ghaliex fihom ra skop lukrattiv. Hu veru wkoll li meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant biddel din il-verzjoni li kien ta fl-istqarrija tieghu, u xehed li hu ma kellux bzonn jaghmel hekk ghall-flus, ma kellux bzonn flus, kien komdu, u li kien ghamel dawk id-delitti minhabba li beza mit-theddid gravi li kien qed isirlu mill-kriminali notorji. Pero', din il-Qorti thoss, bhal ma hasset ukoll l-ewwel Qorti, li din ix-xhieda ta' l-appellant kienet biss tentattiv fqir tieghu biex jipprova jwarrab minn fuqu kull forma ta' responsabilita' kriminali ghal dak li kien ghamel fiz-zewg hold-ups in kwistjoni. Id-dikjarazzjonijiet ta' l-appellant ripetuti b'hafna enfasi waqt ix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti li hu kien 'imbezza' minn dawn il-persuni kriminali ma hiex prova sufficjenti biex tissodisfa lil din il-Qorti, imqar fuq grad tal-probabilita', bhal ma wkoll ma ssodisfatx lill-dik il-Qorti, li dak li kien ghamel ma ghamlux volontarjament. Il-provi huma tali li, minghajr dubju dettat mir-raguni, juru mhux biss li l-appellant kien jaf sew x'ser isir, izda li ried isir dak kollu li fil-fatt sar, ippartecipa bis-shih f'dawk id-delitti bi pjena konsapevolezza w intenzjoni biex jaghmel gwadann finanzjarju. Tant hu hekk li bejn hold-up u iehor, l-appellant stess jghid li kkomunika diversi drabi mal-malviventi w insista maghhom biex jaghtuh

sehmu tal-flus misruqha fl-ewwel hold-up. Dawn il-fatti kollha certament juru li l-appellant Richard Gauci kellu wkoll kull intenzjoni formali li jsiru d-delitti li taghhom gie misjub hati mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ma ssib assolutament xejn x'ticcensura fl-operat ta' l-Ewwel Qorti w fl-apprezzament tal-provi li ghamlet. In bazi tal-provi li tressqu, din il-Qorti ma ghandha ebda motiv li titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti w fil-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena adegwata f'dan il-kaz, l-appellant issottometta li f'dan il-kaz hemm cirkostanzi specjali li minhabba fihom din il-Qorti tista' tinzel taht il-minimu biex b'hekk tapplika piena ta'prigunerija sospiza.

Il-Qorti rat l-osservazzjonijiet kollha li ghamlet l-ewwel Qorti fuq dan l-aspett tal-piena u bla esitazzjoni ta' xejn tiddikjara li taqbel pjenament ma'dak li qalghet dik il-Qorti. Dan kien kaz ferm gravi konsistenti f'zewg hold-ups serjissimi f'temp ta'xahrejn. Kienu hold-ups fejn gew misruqa ammonti sostanzjali ta'flus ghad-dannu tal-Posta Limited u tal-Bank of Valletta p.l.c. Kienu hold-ups maghmulha mhux b'xi mod dilettantesk, isda b'mod ferm professjonali w ppjanat. Barra minn hekk huwa inkoncepibbli kif bniedem li kien ilu kwazi seba (7) snin pulizija, minflok ma ssorvelja li dawn it-tipi ta' delitti ma jsehhux, involva ruhu fihom b'mod ferm attiv. Din il-Qorti ma ssib ebda cirkostanza specjali f'dawn il-fatti li tiffavorixxi piena taht il-minimu stabbilit, kif qed jitlob l-appellant. Zgur dan mhux il-kaz, aktar u aktar mhux il-kaz ta' xi piena ta'habs sospiza. Anzi, kontrarjament ghal dak li qed jghid l-appellant, dawn huma fatti jew cirkostanzi li certament jimmeritaw piena karcerarja effettiva. Ghalhekk, il-Qorti ma ssib ebda raguni valida legalment ghaliex ghandha b'xi mod, tvarja dak li fid-diskrezzjoni taghha ghogobha timponi l-ewwel Qorti bhala piena.

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk il-Qorti tichad l-appell ta'Richard Gauci w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.